**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-5 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 106/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**DB**

**U**

**MG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta DB u MG datat 23 ta' Frar 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-Partijiet iżżewġu fil-Kappella tal-Madonna tal-Mirakli f'Ħal Lija nhar il-5 ta' Settembru tas-sena 2010 hekk kif jirriżulta mill-att taż-żwieġ sħiħ maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta hawn anness u mmarkat dokument ittra "A";*

2. *Illi mir-relazzjoni tal-Partijiet, kemm qabel sew waqt kif ukoll wara ż-żwieġ tagħhom, ma tweldux ulied;*

3. *Illi bis-saħħa ta' att ta' firda personali ppubblikata in att tan-Nutar Joseph Smith La Rosa nhar it-23 ta' Novembru tas-sena 2017, il-Partijiet personalment infirdu bl-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif trid il-Liġi hekk kif jirriżulta minn kopja tal-imsemmi att maħruġa mill-imsemmi Nutar hawn annessa u mmarkata dokument ittra "B";*

3. *Illi l-ko-rikorrenti MG miżżewġa B iżda mwielda u llum personalment mifruda G reġgħet lura għal kunjom twelidha mal-firda personali ta' bejnha u bejn il-ko-rikorrent l-ieħor DB;*

4. *Illi b'referenza espressa għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap. XVI, il-Partijiet jistqarru illi:*

   4.1 *ilhom ma jgħixux flimkien għal perjodu ta' iżjed minn sitt xhur minn jum il-preżentata ta' dana r-rikors konġunt tagħhom;*

   4.2 *kif jirriżulta wkoll bis-saħħa tad-dokument ċitat supra u hawn anness bħala dokument ittra "B", il-Partijiet huma personalment mifrudin xulxin permezz ta' att pubbliku ossia kuntratt ta' firda personali;*

   4.3 *ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom; u*

   4.4 *kif jirriżulta wkoll bis-saħħa tad-dokument ċitat ut supra u hawn anness bħala dokument ittra "B", il-Partijiet irrinunzjaw għad-dritt ta' manteniment mingħand xulxin, u meqjus illi wlied flimkien ma għandhomx, għalhekk ebda ħlas bħala manteniment ma huwa dovut;*

5. *Illi qegħdin jiġu annessi ma' dana r-rikors konġunt tal-Partijiet affidavit ta' kull parti, b'dak tal-ko-rikorrent DB bħala dokument ittra "Ċ" u dak tal-ko-rikorrenti MG l-oħra bħala dokument ittra "D";*

6. *Illi l-Partijiet ulterjorament jistqarru għal kull għan meħtieġ għal dan illi huma ilhom snin ma jgħixux flimkien iżda jgħixu għalhekk ħajja separatament minn xulxin, ma hemm ebda pretensjoni minn parti versu l-oħra, u għajr għal fatti kif hawn fuq edotti u d-dokumenti hawn annessi u esebiti, huma tal-fehma meqjuma illi ma hemmx iżjed provi u sottomissjonijiet x'tisma u tqis dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeċiedi dana r-rikors konġunt tagħhom u t-talba hawn dedotta kif ġej;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti kif hawn fuq edotti, ir-Rikorrenti konġuntement flimkien qegħdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

I. *Tippronunzja d-divorzju bejn DB u MG ai termini tal-Artikoli 66B u 66Ċ tal-Kap. XVI;*

II. *Tordna n-notifika tad-deċiżjoni tagħha mogħtija in atti ta' dawn il-proċeduri bis-saħħa ta' liema deċiżjoni tippronunzja d-divorzju ta' bejn DB u MG ai termini tal-Artikoli 66B u 66Ċ tal-Kap. XVI lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex dan id-divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

*Salv kull ordni ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li tgħaddi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 9 ta' Marzu 2022 li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

**DB xehed** (vide affidavit fol 7) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2010 u li minn iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt 23 ta' Novembru 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa. Iddikjara illi ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2017 u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess.

**MG xehdet** (vide affidavit fol 9) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed B.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta'***

***manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Settembru 2010, liema zwieg jgib certifikat numru 1644/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Smith La Rosa nhar it-23 ta' Novembru 2017 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok B, fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1644/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**